# SUPERSTIZZJONIJIET

**Ta' Emmanuel Ph. Attard**

Nittama li m'intomx superstizzjużi bħal ma kien Gawzu Xriha, imlaqqam ta' Barrada minn Ħal Barka, limiti tar-Rabat... Għax in-kella jista' jagħti l-każ li bħalu tgħixu mdejqin, qalbkom il-ħin kollu ttaqtaq... Tridu tafuha l-ġrajja tiegħu? Mela dan Gawzu ma kienx ta' skola wisq għax sar-raba' klassi ta' l-elementari biss laħaq tala' — u anqas spiċċaha! Ommu, Kiela — armla b'ċorma tfal iżgħar minnu — fettxet ħarġitu wara li tkellem għaliha d-deputat tar-raħal, is-Sur Bastjan Mula, li wkoll sablu post bħala messaġġier f'uffiċċju ta' aġenzija tal-vapuri. Għall-ewwel Gawzu kien ferħan sejjer itir meta beda jsib xi sold fil-but.

Kien qalbu tajba wkoll, tafux, għax lil ommu kien jagħtiha kull ma kien jaqla' u kien iżomm għalih kemm jonfoq spejjeż tal-karozzi, xi kafe' u xi kapriċċ żgħir ieħor. Il-prinċipal tiegħu, is-Sur Leandru Agius Finlay, kien iħobbu ferm għax fis-sewwa kien bieżel dan Gawzu, twajjeb, tqatta' u tiekol minnu, u mar iżidu sewwa fil-paga wara xi sentejn miegħu. Gawzu kellu sittax-il sena u kollox kien miexi ħa-rir s'issa.

S'issa, għidt, għax ix-xitan deffes denbu. Mela ġara li s-Sur Lean-dru kien daħħal miegħu bħala prim skrivan lil ċertu Tankred Heilin-ger, Malti, imma ta' nisel Ġermaniż u dan wara xi xahar ħa grazzja sew ma' Gawzu tagħna u tgħidx kemm saru ħbieb. Dan is-Sur Tank-red kien bniedem minn tagħna, qalbu tajba u ċajtier kemm tridu. Biss kellu difett ikrah wisq: iva ħej, kien superstizzjuż għall-mewt sobtu!

Gawzu tgħidx kemm kien jidħak bil-ħmerijiet li s-Sur Tankred kien jemmen bihom, il-lewn aħdar kien għadu dikjarat tiegħu, l-is-tess in-numru sbatax, jixtered iż-żejt xorti ħażina, imma wisq tajjeb jekk jixtered l-inbid, baħrija sewda sinjal ħażin, imma rodd ħajr 'l Alla jekk tiġi baħrija safra, eċċ., eċċ. Jum fost l-oħrajn is-Sur Tankred ikun qiegħed jirrakkonta lil Gawzu ħlieqa minn tiegħu — waħda mill-mijiet li kien jaf igħid b'sengħa mhux żgħira — u t-tnejn li kienu tant daħku li d-dmugħ rama' jġelben minn għajnejhom u s-Sur Lean-dru kellu joħroġ mill-maqdes ta' uffiċċju fejn kellu n-nies, biex kollu mbegħren isikkithom. Imma d-daħk — iva anqas sfiq minn qabel — issokta sakemm... tidħol imgħarrqa ta' baħrija sewda, sewda li rmat

iddur u ddoqq dik il-melodija ta' tvenvin tagħha... Għajnejn is-Sur Tankred għal xi ħin iċċassaw fuqha. Imbagħad tberrqu u f'tebqa ta' għajn sikta ta' qabar waqgħet fil-kamra... Tant inkwieta s-Sur Tankred li Gawzu stess ma tahx li jiżżuffjetta bih aktar. "Magħmula tiegħi, Gawz!" qallu, "tassew li wara d-daħk jiġi l-biki... Min jaf liema sfortuna sejra tmissni jaħasra". "U ħallik mill-bluhat, Sur Tankred" għamillu l-almu Gawzu. "X'jista' jiġri?" "Ġol...Ġo. lu..., għidli" temtem is-Sur Tankred. "Kemm għandna mix-xahar illum?" "Illum? il-Ġimgħa, is-17 ta' Mejju," wieġbu Gawzu. L-iskrivan tefa' idejh ma' wiċċu u rama jitriegħed b'mod li beżża' saħansitra lil Gawzu. "Il-Ġimgħa, is-17 u Mejju, jum u xahar koroh ta' risq ħażin!" U jqum kollu rogħda, resaq lejn Gawzu u qallu bid-dmugħ f'għajnejh: "Għażiż sieħbi ħallini nħaddnek ma' qalbi għax magħmula tiegħi." Gawzu tbikkem u ma felaħx igħid kelma. Is-Sur Tankred mar għand il-prinċipal u talbu jiskużah mix-xogħol għal dak in-nhar għax kien qed iħossu ħażin. Skanta s-Sur Leandru għall-ewwel — ftakar li kien għadu kif ħareġ isikket id-daħk bla rażan tagħhom. Imma ħallieh imur u fehem kollox wara li Gawzu għarrfu x'kien ġara u ma ġarax. Is-Sibt, mart is-Sur Tankred ċemplet li żewġha kien baqa' ma jiflaħx. It-Tnejn ta' wara waslet l-aħbar li s-Sur Tankred kien instab mas-sebħ mejjet. Inqatgħetlu vina u baqa' tal-kolp.

Gawzu bkieh ferm lis-Sur Tankred, il-"Ġermaniż", kif kienu jsibuh ta' l-uffiċċju. Bidla kbira saret fih. Bla ma ried beda jsir superstizzjuż huwa wkoll. Sar jibża' mill-aħdar, in-numru sbatax u minn kemm-il baħrija sewda hawn fid-dinja. Ma baqax jiddieħak bin-nies bħal dari. Meta xi ħadd kien jiżżufjetta bih għall-flieles li kien mar ideffes f'moħħu — ir-rota kienet daret hux tassew? — kien igħidlu: "Idħak, idħak, ara xi ġralu s-Sur Heilinger..." U kien jispiċċa biex iwerwer lil min ikun jisimgħu, għax kien jaħlef li qed igħid is-sewwa kollha u kien sa jċama lis-Sur Leandru, lil Netta Fsadni, il-purtinara, u lill-iskrivan is-Sur Tagliaferro bħala xhieda. Imsejken Gawzu, fejn dari kien tant ferrieħi u minn tagħna issa sar dejjem qalbu sewda, imħasseb u beżgħan. Kemm inkwetaw fuqu Kiela u s-Sur Leandru. Hassew ħafna għalih u bdew jibżgħu li saħansitra l-istorja tirripeti ruħha u...jħallina b'laħmu u b'xaħmu...bħal dak l-imgħassad ta' Sur Tankred is-superstizzjuż, Alla jaħfirlu! Saret konferenza bejn ommu Kiela, is-Sur Leandru, Dun Slaw ta' Grezz, il-Prokuratur tad-Duluri (li tagħha Gawzu kien devot u fratell) li fiha dawn waslu f'konklużjoni waħda: Gawzu jeħtieġ iderri, jinsa u biex iseħħ dan kien hemm bżonn li jsib jew isibulu — kemm bżonn — tfajla. Imma bdew itertqu

qalbhom; liema tfajla sejra titwikka b'ġuvni hekk melankoniku, Wiċċ Laskri bħalma kien sar! Bit-tiela' u n-nieżel, il-kappillan u s-Sur Leandru rnexxielhom jipperswadu lil waħda xbejba, Filomen, bint Nardu tal-Ħamarrin, li kienet toqgħod ħdejn il-knisja tar-raħal, biex titħajjar għalih u titgħarrsu.

Gawzu l-għarus reġa' beda ġej f'tiegħu għamel mod. Imma jum fost l-oħrajn wara xi tliet xhur, meta kienu diġa' bdew jaħsbu għażżwieġ bis-serjeta', lil Gawzu bagħtu jgħidulu li kellu telefonata. Kienet Filomen li, f'erba' kelmiet xotti xotti, tatu l-bxara ħażina li kienet marritilha r-rieda taż-żwieġ u li "milli għidna ma hemm xejn..." Imsejken Gawzu kemm ħadha bi kbira! Imma l-kbir kien għadu ġej għax kellu jibla' pillola aktar morra. Nhar is-17 tax-xahar, xi ħmistax wara dak il-jum tat-telefonata misħuta, ma jilmaħx lil dik li darba kienet il-maħbuba ta' qalbu liebsa libsa ħadra labranzetta ma' ieħor, il-Belt? Il-vini ta' moħħu rmaw iħabbtu bil-qawwi x'ħin minn ġo fih għaddew il-kliem; Heilinger; il-lewn aħdar, in-numru 17, risq ħażin. Kien ser jaqa' għaxi fl-art. Għamel xi ġimgħa ma jmurx għax-xogħol, imma f'ħajjet Alla ż-żmien igħaddi u jfejjaq il-feriti. Imma kien għad kellu jixrob mill-kus il-morr. Isimgħu! Is-Sur Leandru kien ġie lura mis-safar — fuq negozju — u lil Gawzu ġablu ingravata sabiħa xi ħaġa mill-Ungerija. Kienet kollha strixxi ħomor, bojod u ħodor, il-lwien nazzjonali ta' dak il-pajjiż u b'arma sabiħa f'nofsha. Għoġbitu ħej, kieku lil Gawzu imma dawk l-istrixxi ħodor fil-veru sens tal-kelma werwruh. Xtaq kieku jirruftaha, imma staħa, kif staħa jgħidlu l-għaliex kienet tbeżżgħu! Kellu jitqanna biha u biex juri lis-Sur Leandru kemm taparsi kienet għal qalbu, jum fost l-oħrajn mar għax-xogħol biha. Fuq libsa griża xerqitlu wisq tant li l-prinċipal feraħlu. Minn barra kien imbissem imma minn ġewwa kien beżgħan... beżgħan jistenna d-daqqa tal-mannara tar-risq ħażin. Miskin tassew min ikun superstizzjuż għax isir ġifa u l-irsir tal-biża' bla sens li s-superstizzjonijiet tant iqanqlu ġewwa sidru... Xejn ma kien f'siktu. Huwa u sejjer id-dar mix-xogħol, jum wieħed b'karozza tal-prinċipal, biex jiskansa tifel li qasam jiġri f'salib it-toroq ma jibqax dieħel dritt fuq arblu u kellu xorti (iva kellu xorti tajba!) ma baqax tal-post għax weġġa' sewwa tant li kellhom jeħduh l-isptar mitluf minn sensih, b'xi żewġ kustilji miksura u dbabar f'wiċċu u f'sidru. L-isptar instema' jhewden u jsemmi ingravati u mhux ingravati ħodor, u lil ċertu sinjur, ismu tqil li ħadd ma seta' jaqbad x'kien sewwa daqskemm kien stramb. Tistgħu tobsru, Heilinger!

Bil-għajnuna ta' Alla wara xi żmien fieq għal kollox u reġa' lura

fuq xogħlu. Is-Sur Leandru żiedu fil-paga u tah xogħol aktar pulit u mingħajr tbatija: laħħqu fuq l-impjegati bla skola l-oħra. Bl-argumenti tal-Kappillan, tas-Sur Leandru u ħbieb oħra beda jifhem li s-superstizzjonijiet huma kollha ħmerijiet u kull ma jiġri jseħħ biss għax Alla jippermetti — anke d-deni jippermettih għax fl-aħħar mill-aħħar idawru f'ġid. "Alla huwa l-aqwa saħħar għax Hu biss kapaċi li lid-deni jdawru fil-ġid," kien iħobb itambarlu Dun Taddew, il-Kappillan. Kien jissokta jsemmilu x'kien qal Kristu, "Anqas xagħra li hi xagħra ma taqgħalkom bla ma Alla jkun irid jew bla ma jkun jaf." Imma, madankollu — għalkemm kien jifhmu għax injorant ma kienx — ftit kien jipperswadih. Imma Alla li fil-ħneina tiegħu tabilħaqq jieħu ħsieb kull maħluq bi bluhatu kollha ħaseb mod ieħor. Alla qal "Daqshekk! Irrid indewqu xi ftit tal-faraġ ukoll lil Gawzu". Għaddiet sena u għaddew tnejn u kollox kien jidher bla ħajr għal Gawzu — qalbu kienet maqtugħa li għad xi darba jsib l-hena. Hekk kien jaħseb. Imma Alla, kif ġa għidna kien qatagħha mod ieħor. Is-Sur Leandru kien daħħal miegħu bħala skrivana xbejba l-ġmiel tal-ġmiel u trid seba' għajnejn biex taraha flok oħra (li kienet ħadet post is-Sur Heilinger) u li żżewġet. Mill-ewwel inġibed lejha, imma ġiet liebsa l-aħdar u dan kien biżżejjed biex neħħieha minn qalbu. Is-Sinjorina Flora wkoll ħadet grazzja miegħu u meta semgħet l-istorja tiegħu aktar bħal ħennet għalih u nġibdet lejh. Biex ma ntawwalx Alla kien laqqagħhom — fassalhom għal xulxin u s-Sur Leandru għenu palata sew meta ra li s-Sinjorina Flora kienet imħajra għalih. Kien fih x'tara niftehmu, twil, twil, xagħru safrani u dritt għal darba. Ommha u missierha għall-ewwel tmeżmżu: X'inhi, binthom tiżżewweġ naqra ta' messaġġier raħli? "Flora, aħna konna nistennew aktar għaqal minnek! Konna nippretendu li tiżżewweġ xi avukat, xi wieħed . . . għani, mhux lil dak . . . Bla skola, bla sold, raħħal bħal dak!" Imma biex ma ntawwalx Flora lil Gawzu riedet u lilu ħadet. Kien tieġ mill-isbaħ, avolja ħabat il-jum tal-Għid, is-17 ta' Marzu, fl-ewwel Ħadd li fih setgħu jsiru żżwiġijiet. Avolja ommha ma ħadritilhomx, missierha s-Sur Ġuże' mar. Din Flora kellha moħħ fertili wisq. Biex turih lil Gawzu, kemm kienu ħmerijiet dawn ta' rasu riedet li kemm hija u kemm il-'bridesmaids' jilbsu lbies jagħti fl-aħdar. L-ebda għawġ ma nqala' — u l-ħaddara kollha ħarġu jiftaħru x'tieġ sar.

Il-lum Gawzu u Flora sejrin tajjeb u anke s-Sinjura Klotilda, il-kunjata tagħhom, tgħidux kemm hija mkabbra biż-żewġ ulied ta' bintha, Leandru u Klotilda.